MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 816/2012

Il-Pulizija
(Sp Gabriel Micallef)
vs
Nwankwo Ugo Marius, iben Chukwujekwu, imwieled in-Niġerja fit-12 ta' Settembru, 19778, karta ta' l-identita' numru 36642A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-3 ta' Ġunju, 2012 għal ħabta tal-5.15 a.m. fi Triq l-Imħar, San Pawlil-Baħar:
1. volontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kaba Konate;
2. fl-istess ċirkostanzi kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 fejn Kaba Konate ħafer lill-imputat u qed jirrinunzja għall-azzjoni Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 216 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat l-ammissjoni bikrija, il-maħfra tal-parte civile u il-fedina penali netta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------